

Brussell, 8 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13740/25

SOC 655
GENDER 186
ANTIDISCRIM 95
FREMP 264
JAI 1368
ECOFIN 1322

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 725 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 725 final.

Mehmuż: COM(2025) 725 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2025
COM(2025) 725 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030

INTRODUZZJONI

Kulħadd fl-Unjoni Ewropea għandu **jħossu sigur u liberu li jkun hu nnifsu**. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri fundaturi u drittijiet fundamentali stabbiliti fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-prinċipji jiggwidaw ukoll l-azzjoni tal-UE fix-xena internazzjonali⁽¹⁾. L-opportunitajiet indaqs huma wkoll il-pedament tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽²⁾.

Kif enfasizzat il-President von der Leyen fid-diskors tagħha [dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2025](#): “Meta niddefendu l-indipendenza tal-Ewropa nkunu qegħdin **inħarsu l-libertajiet tagħna**. Il-libertà li tiddeċiedi. Li ssemma’ leĥnek. Li tista’ ddur madwar kontinent sħiħ. Il-libertà li tivvota. **Li tħobb**. Li titlob. **Li tgħix f’Unjoni ta’ ugwaljanza**.” Dawn il-libertajiet jistgħu jsiru biss realtà jekk in-nies kollha, il-ġenerazzjonijiet tal-lum u dawk futuri, ikunu ħielsa mid-diskriminazzjoni.

L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma vitali għar-reżiljenza demokratika, is-saħħa ekonomika, il-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea tibqa’ impenjata bis-sħiħ biex tiddefendi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni kull meta dawn jisfaw mhedda⁽³⁾. Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom **responsabbiltà kollettiva** biex iħarsu dawn id-drittijiet, filwaqt li jiżguraw l-ugwaljanza għal kulħadd⁽⁴⁾.

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat l-ewwel [strateġija tagħha dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025](#), li saħħet l-azzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ+⁽⁵⁾. L-istrateġija kienet pass ewlieni fil-**bini ta’ Unjoni tal-Ugwaljanza**, il-viżjoni tal-Kummissjoni għal Ewropa inklużiva fejn kulħadd jista’ jgħix liberament, irrispettivament mill-identità tiegħu. Dan irriżulta fl-implimentazzjoni ta’ bosta azzjonijiet relatati mal-LGBTIQ+, inkluż proposti leġiżlattivi ewlenin biex javvanzaw id-drittijiet tal-LGBTIQ+, kif ukoll appoġġ bla preċedent għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-LGBTIQ+ permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values).

L-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 ġiet ikkumplementata bl-adozzjoni ta’ **13-il strateġija nazzjonali dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+** mill-Istati Membri u rriżultat fl-implimentazzjoni ta’ miżuri sinifikanti relatati mal-LGBTIQ+ fil-livell tal-UE. Il-ħolqien

⁽¹⁾ L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

⁽²⁾ [European Pillar of Social Rights - Building a fairer and more inclusive European Union - Employment, Social Affairs and Inclusion](#)

⁽³⁾ Ara pereżempju d-[dikjarazzjoni tal-President von der Leyen dwar il-Budapest Pride](#), 25 ta’ Ġunju 2025.

⁽⁴⁾ Fid-dawl li jkunu qed isegwu t-triq lejn l-adeżjoni mal-UE, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali huma mħeġġa wkoll jippromwovu l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali, f’konformità mal-acquis rilevanti tal-UE.

⁽⁵⁾ Il-persuni LGBTIQ+ huma persuni:

1. li huma attratti lejn persuni oħrajn tal-ġeneru tagħhom stess (leżbjani, gay) jew lejn kwalunkwe ġeneru (bisesswali);
2. li l-identità u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom ma jikkorrispondux għas-sess li ġew assenjati mat-twelid (trans, mhux binarji);
3. li jitwieldu b’karatteristiċi tas-sess li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tipika ta’ raġel jew mara (intersess);
4. li l-identità tagħhom ma taqax taħt klassifikazzjoni binarja ta’ sesswalità u/jew ġeneru (queer);
5. li jidentifikaw ma’ orjentazzjonijiet sesswali jew identitajiet tal-ġeneru oħra mhux koperti b’mod speċifiku mill-akronimu LGBTIQ (il-+).

Matul dan it-test, l-akronimi LGBTI, LGBTIQ, u LGBTIQ+ jintużaw b’mod interkambjabbli, skont it-terminoloġija użata fid-dokument, fl-inizjattiva, jew fil-qasam ta’ politika speċifiku li jkun qed jiġi rreferenzjat.

tas-sottogrupp dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ ipprova pjattaforma għall-avvanz tal-isforzi għall-ugwaljanza fil-livell nazzjonali.

Sa mill-adozzjoni tal-istrategġija, **l-aċċettazzjoni soċjali tal-persuni LGBTIQ+ żdiedet**. Il-persuni LGBTIQ+ issa huma aktar trasparenti dwarhom infushom fl-ambjent soċjali tagħhom. Skont l-[Ewrobarometru speċjali tal-2023 dwar id-diskriminazzjoni](#), in-nies fl-UE huma aktar probabbli li jkunu komdi ma' kollega leżbjana, gay jew bisesswali (75 %, żieda ta' 3 punti perċentwali mill-2019) u jekk it-tfal tagħhom ikunu f'relazzjoni ma' persuna tal-istess sess (59 %, żieda ta' 4 punti perċentwali).

Il-viżibbiltà tal-persuni LGBTIQ+ fil-politika, fis-soċjetà ċivili, fl-isport, fil-media u fix-xjenza tikkontesta l-preġudizzju u tgħin biex trawwem l-aċċettazzjoni soċjali. **L-awtonomizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ+**, il-bini fuq il-legat ta' mudelli b'saħħithom u l-kultura kontemporanja, it-tħaddin tal-preżenza tagħhom fil-familja u fost il-ħbieb, jikkontribwixxu għal soċjetà aktar diversa u globalment diversa. Dan **jixpruna l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u jrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli**. Pereżempju, il-bliet li qed jilqgħu u jinkludu l-persuni LGBTIQ+ għandhom “ekosistemi tal-innovazzjoni” aktar b'saħħithom, konċentrazzjonijiet akbar ta' ħiliet u talent, livelli oġhla ta' intraprenditorija u kwalità tal-ħajja aħjar⁽⁶⁾.

Minkejja l-progress, għad hemm sfidi. Skont it-[tielet stħarriġ dwar l-LGBTIQ](#) li sar mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, European Union Agency for Fundamental Rights) fl-2023, aktar minn terz tal-persuni LGBTIQ (37 %) irrapportaw li **esperjenzaw diskriminazzjoni** fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, bl-oġhla rati jkunu fost in-nisa trans (64 %), l-irġiel trans (63 %), u l-persuni intersess (56 %). It-tixrid dejjem akbar ta' narrattivi kontra l-ġeneru u kontra l-LGBTIQ+ jidher li kompli jintensifika din id-diskriminazzjoni. [Riċerka mill-FRA](#) tindika li l-organizzazzjonijiet LGBTIQ+ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw ambjenti, theddid u attakki partikolarment ostili.

L-inugwaljanzi fl-impjiegi, fil-kura tas-saħħa, fl-edukazzjoni, fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, u fl-aċċess għas-servizzi jkomplu jillimitaw l-opportunitajiet għall-persuni LGBTIQ+. Fit-tielet istħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, ir-rispondenti li rrapportaw li esperjenzaw diskriminazzjoni qalu li din seħħet l-aktar ta' spiss fuq ix-xogħol, fl-iskola, f'ambjenti tal-kura tas-saħħa jew f'postijiet pubbliċi.

Id-diskriminazzjoni twassal għal telf ekonomiku: [studju tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi \(OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development\)](#) reċenti jirreferi għal telf annwali li jlaħħaq sa EUR 89 miljun tal-PDG fl-UE assoċjat mad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali. L-istess studju jenfasizza li l-impatt tad-diskriminazzjoni jestendi lil hinn mill-ekonomija. Dan jimmina l-koeżjoni soċjali, idgħajef il-fiduċja ċivika u jnaqqas l-appoġġ għall-valuri demokratiċi. Is-soċjetajiet inklużivi huma aktar reżiljenti, ikkaratterizzati minn solidarjetà akbar, istituzzjonijiet aktar b'saħħithom u livelli oġhla ta' parteċipazzjoni ċivika.

Filwaqt li rrikonoxxa l-kisbiet u l-isfidi kontinwi, ir-[rapport ta' implimentazzjoni](#) tal-Kummissjoni tal-2024 dwar l-istrategġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 afferma r-

⁽⁶⁾ Open For Business (2025), “[City Ratings 2025](#)”.

rwol strumentali tal-istrateġija fl-avvanz tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ iżda enfasizza wkoll il-ħtieġa għal sforzi aktar b'saħħithom fil-livell tal-UE.

Fl-2024, il-**Parlament Ewropew** sejjaħ għal strateġija ġdida u aktar komprensiva dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+⁽⁷⁾. Fl-2024 ukoll, **20 Stat Membru** ffirmaw [dikjarazzjoni ministerjali](#), fejn appellaw għal azzjoni ulterjuri u impenjaw ruħhom li jaħdmu mal-Kummissjoni fuq it-tiġdid tal-istrateġija. Meta ġew ikkonsultati dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija preċedenti dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tennew dawn is-sejħiet, u enfasizzaw l-urġenza ta' azzjoni kontinwa.

Din l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ l-ġdida, **kif imħabbra fil-[linji gwida politiċi tal-President von der Leyen tal-2024](#)**, tagħti qafas lill-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2026-2030. Hija tibni fuq il-bażi tal-ewwel strateġija, billi tibbaża fuq l-ambizzjoni tagħha u fuq l-avvanzi diġà miksuba, filwaqt li tiżgura l-kontinwità u twitti t-triq għal aktar progress.

L-istrateġija għandha l-għan li timmobilizza **impenn kollettiv** fil-livelli kollha ta' governanza biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-valuri fundamentali tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li torbot lill-Istati Membri kollha bħala dritt ewlieni tal-UE. Tistabbilixxi wkoll qafas li jirrikjedi involviment attiv u kooperazzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Istati Membri u mis-soċjetà ċivili, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tagħha.

L-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se ssegwi approċċ duwalistiku ta' **miżuri mmirati u integrazzjoni** msaħħa **tal-ugwaljanza** f'oqsma ta' politika differenti. Din l-istrateġija, bħall-predeċessur tagħha, se tuża l-**intersezzjonalità** bħala prinċipju trażversali. Se tindirizza kif il-kombinazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità/espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess ma' karatteristiċi jew identitajiet personali oħra, bħas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà u l-età, tikkontribwixxi għal esperjenzi uniċi ta' diskriminazzjoni. B'dan il-mod, tikkomplementa l-inizjattivi eżistenti u futuri tal-UE biex tippromwovi l-ugwaljanza għal kulħadd⁽⁸⁾. Barra minn hekk, l-istrateġija tqis kif l-iżolament ġeografiku jista' jkompli jaggrava dawn is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

Sabiex tipprepara din l-istrateġija, il-Kummissjoni wettqet **proċess estensiv ta' konsultazzjoni**. Dan inkluda sejħa għal evidenza, konsultazzjoni pubblika miftuħa u konsultazzjonijiet immirati, li jinkludu laqgħat konsultattivi ddedikati, ma' partijiet ikkonċernati bħal organizzazzjonijiet umbrella tal-LGBTIQ+, rappreżentanti tal-Istati Membri, sħab soċjali u organizzazzjonijiet internazzjonali. L-attivitajiet konsultattivi fuq il-portal [Semma' Lehnke](#) tal-Kummissjoni waħedhom urew interess kbir fost dawk li wiegħbu fuq is-suġġett.

⁽⁷⁾ [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025](#) (2023/2082(INI)).

⁽⁸⁾ [Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030, l-Istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal, l-Istrateġija dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija](#), l-Istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2026-2030 (ippjanata għall-ewwel trimestru tal-2026) u l-Istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030 (ippjanata għar-raba' trimestru tal-2025).

OBJETTIVI STRATEĠIĊI

1. PROTEZZJONI

Il-persuni LGBTIQ+ għadhom jiffaċċjaw **livelli sproporzjonati ta' vjolenza u mibegħda**, li huma aggravati miż-żieda fin-narrattivi kontra l-LGBTIQ+ fl-UE u madwar id-dinja. Dan jimmina d-drittijiet fundamentali u jhedded il-pedamenti ta' soċjetajiet demokratiċi billi jippromwovi l-biża', l-esklużjoni u l-frammentazzjoni soċjali. Il-ġlieda u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza u l-eliminazzjoni tan-narrattivi ta' mibegħda huma essenzjali biex jiġu rrispettati l-valuri komuni tal-UE tal-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem u r-rispett tad-drittijiet fundamentali għal kulħadd.

1.1. Ġlieda kontra l-prattiki ta' ħsara

Prattiki ta' konverżjoni “huma interventi ta' ħsara kbira li jibbażaw fuq l-idea medikament falza li l-persuni LGBT[IQ+] huma morda, li jikkawżaw uġiġħ kbir u tbatija qawwija, u jirriżultaw fi ħsara psikoloġika u fiżika fit-tul”⁽⁹⁾. Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, 24 % tal-persuni LGBTIQ **esperjenzaw Prattiki ta' konverżjoni**, inkluż vjolenza fiżika u sesswali, abbuż verbali u umiljazzjoni. Din iċ-ċifra kważi tirdoppja għal 47 % għal nisa trans u 48 % għal irġiel trans.

In-nies trans, mhux binarji u intersess ukoll ikomplu jiffaċċjaw ksur serju tal-awtonomija fiżika tagħhom⁽¹⁰⁾: xi Stati Membri tal-UE għadhom jimponu rekwiżiti kirurġiċi jew intervent mediku għar-rikonossiment legali tal-ġeneru⁽¹¹⁾. It-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ u r-**rapport relatat “Being intersex in the EU”**, juru li 57 % tar-rispondenti intersess qalu li huma jew il-ġenituri tagħhom ma pprovdewx kunsens infurmat biex jagħmlu proċeduri kirurġiċi jew ormonali, u dan irriżulta fi ħsara fiżika u psikoloġika dejjiema.

Biex tgħin lill-Istati Membri jipprojbixxu l-prattiki ta' konverżjoni⁽¹²⁾, il-Kummissjoni se tippubblika **studju** li janalizza n-natura, il-prevalenza u l-impatt ta' dawn il-prattiki fuq il-persuni LGBTIQ+. Biex tiffaċilita azzjoni kkoordinata, il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll **djalogu strutturat** dwar is-suġġett, b'mod partikolari permezz tal-grupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+, fl-ambitu tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità. Abbażi tas-sejbiet tal-istudju, il-Kummissjoni se tiegħu azzjoni xierqa biex tiġġieled kontra l-prattiki ta' konverżjoni, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ lill-Istati Membri, li għandhom rwol kritiku f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni se

⁽⁹⁾ Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-Orientazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru, [Practices of so-called “conversion therapy”](#), 1 ta' Mejju 2020.

⁽¹⁰⁾ [Legal gender recognition in the EU: The journeys of trans people towards full equality](#), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020; [ILGA Europe 2025 Rainbow Map](#).

⁽¹¹⁾ L-espressjoni “rikonossiment legali tal-ġeneru” tintuża fl-istrategġija peress li hija użata b'mod komuni f'testi ta' politika u f'testi akkademiċi, mingħajr preġudizzju għal espressjonijiet oħra użati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-Kawża C-4/23, *Mirin*, 4.10.2024, EU:C:2024:845, il-Qorti tuża l-espressjoni “bidla fl-identità tal-ġeneru” biex tirreferi għal proċeduri għal bidla fil-ġeneru legali fil-livell domestiku, u l-frażi “li jiġu rikonossuti (...) l-bidliet fl-(...) identità tal-ġeneru li jkunu nkisbu legalment fi Stat Membru ieħor” biex tirreferi għal sitwazzjonijiet transfruntiera, jiġifieri r-rikonossiment fi Stat Membru ta' bidla fil-ġeneru legali miksuba fi Stat Membru ieħor.

⁽¹²⁾ [Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew](#): tmien Stati Membri diġà pprojbew il-prattiki ta' konverżjoni.

tkompli wkoll tindirizza prattiki oħra ta' ħsara bħall-mutilazzjoni ġenitali tal-persuni intersess u l-medikalizzazzjoni furzata ta' persuni trans.

Fl-iżvilupp tal-approċċ tagħha għall-ġlieda kontra l-prattiki ta' konverżjoni, il-Kummissjoni se tqis, b'mod partikolari, l-[inizjattiva reċenti taċ-ċittadini Ewropej](#), "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea"⁽¹³⁾.

1.2. Żgurar tas-sikurezza u l-ġlieda kontra l-mibegħda lejn l-persuni LGBTIQ+

Il-fastidju u l-vjolenza mmotivati mill-mibegħda lejn persuni LGBTIQ+ qed ikomplu jiżiedu. It-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ irrapporta li fl-2023, 55 % tar-rispondenti LGBTIQ kienu esperjenzaw **fastidju motivat mill-mibegħda** fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, żieda ta' 18-il punt perċentwali mill-2019. Ir-rapporti ta' attakki fiżiċi u sesswali żdiedu wkoll, b'persuni trans, mhux binarji u intersess affettwati b'mod sproporzjonat. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati għal din l-istrateġija enfasizzaw bil-qawwa l-ħtieġa urġenti li dawn l-isfidi kontinwi jiġu indirizzati.

Fil-livell tal-UE, il-qafas legali kurrenti pprovdut mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija u mid-[Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika](#), jkopri biss reati ta' mibegħda bbażati fuq raġunijiet razzisti u ksenofobiċi u inċitament ċibernetiku għal vjolenza jew għal mibegħda abbażi tal-ġeneru, rispettivament⁽¹⁴⁾. Għad ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tiżgura l-protezzjoni tad-dritt kriminali kontra reati bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u/jew l-identità tal-ġeneru. B'riżultat ta' dan, il-qafas legali madwar l-Istati Membri huwa frammentat u inkonsistenti⁽¹⁵⁾.

Fl-2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jiddeċiedi li jinkludi **d-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda fil-lista ta' "kriminalità tal-UE"** skont l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)⁽¹⁶⁾. Tali Deċiżjoni tal-Kunsill tipprovdi l-bażi legali għal-leġiżlazzjoni sekondarja li tarmonizza d-definizzjonijiet tad-dritt kriminali ta' reati ta' mibegħda għal raġunijiet li bħalissa ma humiex previsti skont id-dritt rilevanti tal-UE.

Minħabba n-nuqqas ta' progress dwar tali Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra **inizjattiva leġiżlattiva** bbażata fuq l-oqsma eżistenti ta' kriminalità koperti mill-Artikolu 83(1) tat-TFUE **biex tarmonizza d-definizzjoni ta' reati ta' mibegħda mwettqa online**. Definizzjoni komprensiva ta' reati ta' mibegħda fil-livell tal-UE kienet ukoll waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin adottata minn dawh li pparteċipaw fil-[Panel taċ-Ċittadini Ewropej tal-2024 dwar l-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà](#). Il-Kummissjoni hija impenjata li ssegwi dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Biex tgħin lill-professjonisti tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja jidentifikaw fobija lejn persuni LGBTIQ+ f'reati li jammontaw għal delitti ta' mibegħda, il-Kummissjoni se tkompli taħdem

⁽¹³⁾ Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tal-inizjattiva tlestiet b'suċċess u l-inizjattiva hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni għal eżaminazzjoni.

⁽¹⁴⁾ Ara d-dettalji fit-Taqsima 1.3.

⁽¹⁵⁾ [Study to support the preparation of the European Commission's initiative to extend the list of EU crimes](#), 2021.

⁽¹⁶⁾ Komunikazzjoni "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda", COM/2021/777 final.

mal-Istati Membri biex **ittejjeb ir-reġistrazzjoni tad-delitti ta' mibegħda u l-appoġġ lill-vittmi** skont il-[Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda](#). Dan l-isforz se jitwettagħ f'kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali (pereż. il-FRA, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR, Office for Democratic Institutions and Human Rights)⁽¹⁷⁾). Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tappoġġa t-**taħriġ għall-awtoritajiet tal-pulizija** dwar il-fobija lejn persuni LGBTIQ+ f'delitti ta' mibegħda u dwar in-nondiskriminazzjoni⁽¹⁸⁾.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tappoġġa l-**organizzazzjonijiet** u l-proġetti **tas-soċjetà ċivili** li jaħdmu biex jiġġieldu l-mibegħda u d-diskriminazzjoni kkaġunati minn fobija lejn persuni LGBTIQ+ permezz ta' strumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE. Dawn l-istrumenti jinkludu l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)) matul il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti, li għandu jiġi segwit mill-[programm AgoraEU](#) propost, li bħalissa jinsab fil-proċess leġiżlattiv, għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi ambjent sikur għall-vittmi LGBTIQ+ biex jirrapportaw id-delitti permezz tal-**istrateġija tal-UE** li jmiss **dwar id-drittijiet tal-vittmi**. Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll lill-Parlament u lill-Kunsill fl-adozzjoni tad-[Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi](#) riveduta, li għandha l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi kollha tad-delitti, inkluż id-delitti ta' mibegħda kkaġunati minn fobija lejn persuni LGBTIQ+.

Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u effettiva tad-dritt tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni se tappoġġa b'mod attiv it-taħriġ ġudizzjarju dwar dan is-suġġett bħala parti mill-**istrateġija tagħha għat-taħriġ ġudizzjarju 2025-2030**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda ttipprovdi finanzjament permezz tal-**Programm dwar il-Ġustizzja**, li għandu l-għan li jiffaċilita aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' proċeduri ċivili u kriminali effettivi billi jingħata kontribut għall-applikazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-Unjoni, u billi jiġu promossi u appoġġati d-drittijiet tal-vittmi ta' delitti kriminali, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-[istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi](#) għall-2020-2025.

Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tirrikonoxxi li l-persuni affettwati minn diskriminazzjoni intersezzjonali, inkluż il-persuni LGBTI, huma f'riskju akbar ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri preventivi u jipprovdu appoġġ speċifiku lil dawn il-vittmi. Barra minn hekk, din tikkwalifika t-twettagħ ta' reat biex vittma tiġi kkastigata minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħha, bħala ċirkostanza aggravanti.

Waqt li takkumpanja lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-isfidi li jiffaċċjaw il-vittmi tad-diskriminazzjoni intersezzjonali, inkluż il-vittmi LGBTI. Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki

⁽¹⁷⁾ L-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE.

⁽¹⁸⁾ Ara l-inizjattivi proposti min-network [Facing Facts](#).

tajbin fost l-Istati Membri dwar dan is-suġġett permezz tan-**Network tal-UE għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u tal-vjolenza domestika**.

Fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tappoġġa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri⁽¹⁹⁾, l-implimentazzjoni tal-[Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru fir-riċerka u l-innovazzjoni](#) żviluppata bħala parti mill-**aġenda politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) 2022-2024**⁽²⁰⁾ li tinkorpora approċċ intersezzjonali. Il-Kummissjoni se tiffinanzja wkoll ir-riċerka taħt [Orizzont Ewropa](#) dwar id-diżinformazzjoni, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-delitti ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħalma jista' jkun il-każ għal persuni LGBTIQ+. Kif enfasizzat il-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni għall-2025, "ix-xjenza ma għandhiex passaport, ġeneru, etniċità jew kulur politiku" - prinċipju ċċentrat fuq l-inizjattiva [Choose Europe](#).

Iż-żgħażaġh LGBTIQ+⁽²¹⁾ spiss jiffaċċjaw diversi forum ta' diskriminazzjoni, jesperjenzaw il-preġudizzju u delitti ta' mibegħda, u huma partikolarment vulnerabbli għal abbuż sesswali⁽²²⁾. Biex tippoteġi lit-tfal kollha⁽²³⁾ kontra abbuż sesswali tat-tfal, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-koleġiżlaturi fl-adozzjoni taż-**żewġ proposti leġiżlattivi**⁽²⁴⁾.

Barra minn hekk, ir-[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal](#) issaħħaħ l-impenn tal-UE għal tolleranza żero għall-vjolenza. Thegħġegħ lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal kollha, fid-diversità kollha tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu mill-istess drittijiet ta' aċċess għall-protezzjoni fit-territorji kollha tagħhom, u jibbenifikaw minnha. It-tfal kollha għandhom jiġu protetti, appoġġati u awtonomizzati billi jiġu promossi approċċi inklużivi, koordinati u sistemiċi fi ħdan is-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni tat-tfal u billi jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet speċifiċi.

Id-dritt li l-persuni jingħaqdu b'mod paċifiku huwa mnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u fi ħdan il-kompetenzi tagħha, il-Kummissjoni hija impenjata li tiddefendih u tħarsu f'kull ħin. Filwaqt li l-Pride u avvenimenti oħra tal-komunità huma espressjonijiet ewlenin ta' viżibilità u identità għal persuni LGBTIQ+ madwar l-Ewropa, f'xi Stati Membri tal-UE, saru tentattivi biex jiġi ristrett l-eżerċizzju ta' dan id-dritt u b'hekk qam tħassib serju. Attakki vjolenti u fastidju kontra l-parteċipanti jibqgħu wkoll ta' tħassib urġenti f'diversi Stati Membri⁽²⁵⁾, u jdgħajfu kemm is-sikurezza tagħhom kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jesprimu ruħhom liberament fi spazji pubbliċi.

Bħala parti mill-Komunikazzjoni dwar [ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna](#), li tgħin lill-Istati Membri jiggarrantixxu s-sigurtà għall-pubbliku, il-programm konsultattiv tas-sigurtà protettiva tal-UE se jissaħħaħ. Dan il-programm se jwettaq valutazzjonijiet tal-

⁽¹⁹⁾ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida](#), (ĠU C 374, 22.11.2021, p. 1).

⁽²⁰⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, [European Research Area Policy Agenda – Overview of actions for the period 2022-2024](#), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

⁽²¹⁾ Ma hemm l-ebda definizzjoni unifikata tal-UE ta' żgħażaġh iżda ġeneralment u għal skopijiet ta' ġbir ta' data, iż-żgħażaġh huma definiti bħala dawk li għandhom bejn 15 u 29 sena, [Overview - Children and youth - Eurostat](#).

⁽²²⁾ Ara Smith, John, u Anna Brown. "Child sexual abuse/exploitation and LGBTIQ+ children: Context, links, vulnerabilities, gaps, challenges and priorities." *Child Abuse & Neglect*, 2024, doi.org/10.1016/j.chipro.2024.100001.

⁽²³⁾ Kif stabbilit fil-[Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#) (UNCRC, Convention on the Rights of the Child), tifel jew tifla huwa kwalunkwe bniedem taħt l-età ta' 18-il sena.

⁽²⁴⁾ [COM \(2022\) 209 final](#) u [COM \(2024\) 60 final](#).

⁽²⁵⁾ Skont ir-[Rieżami Annwali tal-ILGA-Ewropa tal-2025](#), l-attakki fuq l-avvenimenti Pride tal-LGBTI qed jiżdiedu.

vulnerabbiltà ta' avvenimenti ta' riskju għoli, inkluż l-avvenimenti Pride, fuq talba tal-Istati Membri u ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna. Il-Kummissjoni se tindirizza wkoll l-estremiżmu kkaġunat minn fobija lejn persuni LGBTIQ+ fl-**aġenda** li ġejja **tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti**.

Gruppi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà jew dawk li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-kriżijiet. Għalhekk, l-**Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza** tidentifika speċifikament l-inugwaljanza bħala fattur ta' riskju għall-preparatezza u għandha l-għan li trawwem kultura ta' preparatezza inklużiva, mingħajr ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. L-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza hija essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u l-komunitajiet kollha tal-UE jsiru parteċipanti attivi fl-isforzi ta' preparatezza u rispons għall-kriżijiet.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija u l-persekuzzjoni min-Nazisti u l-kollaboraturi tagħhom, huwa stmat li 50 000 raġel gay u bisesswali kienu soġġetti għal "sentenzi ta' ħabs severi f'kundizzjonijiet krudili", b'madwar 10 000 sa 15 000 minnhom li ntbagħtu f'kampji ta' konċentrament⁽²⁶⁾. Ħafna tilfu ħajjithom, u l-esperjenzi tas-superstiti ma ġewx rikonoxxuti għal għexieren ta' snin. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-għerq tal-persekuzzjoni LGBTIQ+ huma profondi fl-istorja Ewropea, il-Kummissjoni hija impenjata li **tfakkar** bħala parti integrali mill-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-prevenzjoni ta' atroċitajiet futuri. Biex tagħmel dan, se tagħmel il-finanzjament ta' proġetti disponibbli permezz tal-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE, bħall-programm CERV. Il-Kummissjoni se tappoġġa u se tipparteċipa wkoll f'avvenimenti ta' livell għoli li jfakkru l-persekuzzjoni tal-persuni LGBTIQ+.

⁽²⁶⁾ [Holocaust Memorial Day Trust – Gay people.](#)

1.3. Ġlieda kontra l-mibegħda u d-diskriminazzjoni online

Id-dinja online toffri opportunitajiet importanti għal persuni LGBTIQ+. Il-media soċjali u l-pjattaformi diġitali huma spazji ewlenin għall-espressjoni personali, l-identità, u joħolqu sens ta' komunità. Dawn il-vetturi huma maħsuba biex jimplifikaw il-vuċijiet tal-persuni LGBTIQ+, **jibnu networks ta' appoġġ, u jimmobilizzaw għal drittijiet ugwali**, speċjalment għaż-żgħażagħ u daww f'ambjenti inqas aċċettanti.

Madankollu, id-diskors ta' mibegħda u l-fastidju online joħolqu ambjent diġitali ostili għall-persuni LGBTIQ+, u jaffettwaw is-sigurtà, il-benesseri u l-libertà tal-espressjoni tagħhom u jikkontribwixxu għal klima ta' biża' u esklużjoni. It-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ jappoġġa dan: 63 % tal-persuni LGBTIQ qalu li spiss jew dejjem jiltaqgħu ma' kontenut ta' mibegħda online li jhegħgeġ il-vjolenza kontrihom. Barra minn hekk, il-persuni LGBTIQ+ u n-nisa qed ikunu dejjem aktar fil-mira ta' narrattivi kontra l-ġeneru online, ħafna drabi bħala parti minn **manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI, foreign information manipulation and interference) u kampanji ta' diżinformazzjoni**. Atturi barranin qed jiġu ffinanzjati dejjem aktar u qed jużaw l-FIMI biex jimmanipulaw l-opinjoni pubblika, iqanqlu l-polarizzazzjoni, u jinterferixxu mal-proċessi demokratiċi fl-UE u madwar id-dinja. Azzjonijiet bħal dawn huma sfida diretta għall-valuri ewlenin tal-UE tal-ugwaljanza, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni.

Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tikkriminalizza għall-ewwel darba l-inċitament ċibernetiku għall-vjolenza jew mibegħda abbażi tal-ġeneru. Ladarba tiġi implimentata fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri⁽²⁷⁾, din se tiżgura protezzjoni komuni kontra d-diskors ta' mibegħda online abbażi tal-ġeneru fl-UE. Barra minn hekk, id-direttiva tikkriminalizza l-aktar forom mifruxa ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru online, jiġifieri l-kondiviżjoni mingħajr kunsens ta' materjal intimu jew manipulat, l-istalking ċibernetiku u l-fastidju ċibernetiku.

L-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) jistabbilixxi obbligi għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jindirizzaw il-kontenut illegali online, inkluż l-inċitament għall-mibegħda jew id-diskriminazzjoni, inkluż kontra persuni LGBTIQ+. Barra minn hekk, il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u tal-magni tat-tiftix huma obbligati jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi li jirriżultaw mis-servizzi tagħhom, inkluż l-impatt, fost l-oħrajn, fuq id-drittijiet għad-dinjità tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni, l-effetti negattivi relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-konsegwenzi negattivi serji għall-benesseri fiżiku u mentali tal-persuna. Il-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, se tkompli tinforza dan ir-regolament.

F'Jannar 2025, il-[Kodiċi ta' kondotta rivedut dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online illegali +](#) (il-“Kodiċi ta' Kondotta+”) ġie vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u mill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali u integrat fil-qafas tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u pprova rispons ukoll għar-rakkomandazzjonijiet mill-[panel taċ-ċittadini Ewropej dwar l-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà](#).

⁽²⁷⁾ Id-Direttiva ma tapplikax għad-Danimarka skont il-pożizzjoni tad-Danimarka stabbilita fil-Protokoll Nru 22 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-pjattaformi li jiffirmaw il-Kodiċi ta' Kondotta+ jimpenjaw ruħhom li jinvolvu ruħhom fil-kooperazzjoni tal-industrija u f'fora b'diversi partijiet ikkonċernati biex itejbu l-prevenzjoni kontra d-diskors illegali ta' mibegħda, inkluż dwar persuni LGBTIQ+. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta+, se tiffaċilita r-rieżami u l-adattament regolari tiegħu, u se tipprovdi appoġġ lill-pjattaformi, inkluż permezz ta' **ċentru ta' għarfien online** li jiġbor ir-riżorsi rilevanti dwar id-diskors ta' mibegħda online illegali.

Il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja mill-qrib ukoll l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-[Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva](#) riveduta. Id-Direttiva ssaħħa l-protezzjoni kontra l-kontenut li jinċita l-mibegħda jew il-vjolenza u tipprojbixxi komunikazzjonijiet awdjoviżivi kummerċjali diskriminatorji, inkluż abbażi tas-sess jew tal-orjentazzjoni sesswali.

Il-bullying ċibernetiku u forom oħra ta' vjolenza ffaċilitati mit-teknoloġija huma ta' tħassib serju u li qed jikber u jaffettwaw b'mod sproporzjonat liż-żgħażaġh LGBTIQ+⁽²⁸⁾. Il-**pjan ta' azzjoni** tal-Kummissjoni **kontra l-bullying ċibernetiku** li jmiss, se jkollu l-għan li jipprevjeni mgħiba abbużiva online, inkluż meta din tkun immirata lejn żgħażaġh LGBTIQ+. Il-Kummissjoni se twettaq ukoll **investigazzjoni madwar l-UE kollha dwar l-effetti tal-media soċjali fuq il-benesseri**, b'enfasi fuq iż-żgħażaġh, inkluż dawk mill-komunità LGBTIQ+.

1.4. Żgurar tal-protezzjoni għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali u migranti LGBTIQ+

Il-persuni LGBTIQ+ li jfittxu ažiż jiffaċċjaw riskji intersezzjonali u addizzjonali waqt li jkunu fit-triqithom lejn l-UE, u/jew mal-wasla tagħhom fiha, u jista' jkollhom ħtiġijiet differenti minn applikanti oħra. Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, 54 % tal-persuni LGBTIQ li identifkaw bħala **persuni li jfittxu ažiż jew refuġjati** kienu esperjenzaw diskriminazzjoni fis-sena ta' qabel l-istħarriġ (perċentwal sostanzjalment oġhla mill-medja ta' 37% fost ir-rispondenti LGBTIQ kollha). Huma wkoll f'riskju partikolari ta' fastidju u vjolenza u jistgħu jiġu mċaħħda minn assistenza legali jew kura tas-saħħa speċifika, bħat-trattament bl-ormoni⁽²⁹⁾.

Il-[patt dwar il-migrazzjoni u l-ažiż](#) saħħa is-salvagwardji u l-garanziji għal applikanti vulnerabbli għal protezzjoni internazzjonali, inkluż għal persuni LGBTIQ+. Skont l-istħarriġ tal-[FRA, Being Black in the EU](#), fost in-nies ta' dixxendenza Afrikana, dawk li jidentifikaw lilhom infushom bħala minoranza - inkluż jekk abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess - jesperjenzaw aktar diskriminazzjoni. Sorsi addizzjonali ta' diskriminazzjoni, bħall-ostakli li jiltaqgħu magħhom fir-rigward ta' diżabilità, jistgħu jaggravaw il-vulnerabbiltà ta' dawn l-individwi.

Il-Kummissjoni se tkompli tibni sinerġiji bil-[pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027](#), li jirrikonoxxi l-isfidi multipli u intersezzjonali li jiffaċċjaw il-migranti LGBTIQ. Barra minn hekk, fl-ambitu tal-**Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-**

⁽²⁸⁾ Ara l-[istudju](#) mmexxi mill-Organizzazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażaġħ u Studenti Lezjbani, Gay, Bisesswali, Trans, Queer u Intersex (IGLYO, International Lesbian, Gay, Bisexual, Trans, Queer and Intersex Youth and Student Organisation).

⁽²⁹⁾ Ara l-UNCHR, [Protecting LGBTIQ+ people in situations of forced displacement: A Stocktaking on UNHCR progress since the 2021 Roundtable](#), Ġunju 2023.

ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteeipazzjoni u l-istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030 li jmiss, il-Kummissjoni se tkompli tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni LGBTIQ+ razzjalizzati.

Il-Kummissjoni qed tikkollabora mal-**Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum)**, l-**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)** u mal-Istati Membri biex tiżviluppa għodod li jgħinu biex jiġu identifikati minn kmieni applikanti vulnerabbli u dawn jiġu pprovduti b'appoġġ⁽³⁰⁾. Permezz tal-**Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (AMIF, Asylum, Migration and Integration Fund)** u l-**Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument)**, jew kwalunkwe strument suċċessur, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli tiffinanzja inizzjattivi biex tiżgura salvagwardji għall-applikanti u għall-applikanti vulnerabbli, inkluż appoġġ suffiċjenti għall-applikanti LGBTIQ+.

Azzjonijiet ewlenin mill-Kummissjoni Ewropea:

- ✓ Il-ġlieda kontra prattiki ta' konverżjoni abbażi tas-sejbiet ta' studju ddedikat, u konsiderazzjoni tal-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej relatata dwar dan is-suġġett.
- ✓ L-esplorazzjoni tal-għażliet legali biex issaħħaħ il-qafas tad-dritt kriminali għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda fi ħdan id-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat.
- ✓ Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta+ dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online illegali u l-ħolqien ta' ċentru tal-għarfien online li jiġbor ir-riżorsi rilevanti rigward id-diskors ta' mibegħda online illegali.
- ✓ L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-bullying ċibernetiku sal-2026.

2. AWTONOMIZZAZZJONI

F'dawn l-aħħar deċennji, l-avvanzi leġiżlattivi u ta' politika għenu biex jinħolqu soċjetajiet aktar inklużivi, inkluż għall-persuni LGBTIQ+. It-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ juri li l-persuni **LGBTIQ+ huma aktar trasparenti** dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess tagħhom fl-ambjent soċjali tagħhom (52 %, żieda ta' 6 punti perċentwali mill-2019), b'din ix-xejra tkun aktar evidenti għall-persuni trans u intersess.

L-iżgurar tal-aċċess għall-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u servizzi pubbliċi oħra għal persuni LGBTIQ+, inkluż f'żoni rurali u remoti, jiżblokka l-potenzjal tagħhom u jippermettilhom jikkontribwixxu bis-sħiħ fil-komunitajiet u fl-ekonomija tagħhom. Il-promozzjoni tal-inklużjoni ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u tagħti spinta lill-innovazzjoni, lill-produttività u lill-kompetittività globali tal-UE. Din l-istrateġija tafferma mill-ġdid l-impenn tal-Kummissjoni li tawtonomizza lill-persuni **LGBTIQ+ li jgħixu liberament u b'mod ugwali** fl-oqsma kollha tal-ħajja u meta jiċċaqilqu madwar l-Istati Membri.

2.1 Stabbiliment tal-pedamenti għall-awtonomizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ+

Il-promozzjoni tal-**inklużjoni minn età żgħira** hija kruċjali għall-benesseri u għall-iżvilupp tal-persuni LGBTIQ+. Ambjenti inklużivi u ta' appoġġ jgħinu liż-żgħażaġh jibnu l-kunfidenza, ir-reżiljenza, u sens ta' identità pożittiva, filwaqt li jrawmu l-empatija u r-rispett fost kulħadd. Meta t-tfal jikbru f'ambjenti li jiċċelebraw id-diversità, huwa iktar probabbli li jirnexxu

⁽³⁰⁾ [EUAA Products \(europa.eu\).](https://european-council.europa.eu/media/en/press-room/pages/press-room.aspx?pid=10247)

akkademikament, soċjalment u emozzjonalment, u li jgħorru dawn il-valuri inklużivi fl-età adulta, u jgħadduhom lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Madankollu, kif diġà deskritt fl-[istrategġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025](#), it-tfal ta' familji qawsalla u ż-żgħażaġh LGBTIQ+ spiss jiffaċċjaw stigma u diskriminazzjoni minn età żgħira. Barra minn hekk, skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, żewġ terzi tal-persuni LGBTIQ (67 %) irrapportaw li, matul iż-żmien tagħhom fl-iskola, kienu ġarrbu bullying, ġew irridikolati, mġhoddija biż-żmien, mġhajra jew mhedda. Dawn l-inċidenti jista' jkollhom effetti fit-tul.

Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar edukazzjoni sikura u inklużiva għal kulħadd fost l-Istati Membri u l-esperti kollha fil-**Gruppi ta' ħidma tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**. Din l-azzjoni tirrifletti l-enfasi qawwija li l-partijiet ikkonċernati poġġew fuq l-edukazzjoni matul il-konsultazzjonijiet tal-istrategġija.

Dawn l-isforzi huma msaħħa ulterjorment mill-[istrategġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal](#) u min-Network tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal thegħġegħ approċċ multidixxiplinari għall-protezzjoni tat-tfal. Tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jsaħħu s-sistemi tagħhom ta' protezzjoni tat-tfal skont il-bżonnijiet tat-tfal u fl-aħjar interessi tagħhom. Barra minn hekk, il-**Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal** tipprovdi spazju inklużiv għat-tfal tal-UE biex jiddiskutu suġġetti li huma importanti għalihom ma' dawh li jfasslu l-politika.

Il-Kummissjoni se tibni wkoll fuq l-inizjattiva tal-[Bauhaus Ewropea l-Ġdida](#) li tgħaqqad is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika, biex tippromwovi spazji sikuri u akkoljenti għal kulħadd. Billi trawwem disinn inklużiv fi spazji pubbliċi, skejjel u komunitajiet, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-istigma, it-titjib tal-viżibiltà, u l-ħolqien ta' ambjenti fejn il-persuni LGBTIQ+ jiġu inklużi u jistgħu jħossuhom sikuri u apprezzati.

Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh li qed ifittxu li jippromwovu d-drittijiet taż-żgħażaġh LGBTIQ+ permezz tal-[Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh](#). L-iżgurar li ż-żgħażaġh ikollhom opportunitajiet inklużivi għall-iżvilupp professjonali u personali jibqa' prijorità. Il-Kummissjoni se tkompli tindirizza l-ostakli marbuta mad-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport bl-użu ta' strumenti ta' nfiq rilevanti tal-UE, bħall-**programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**⁽³¹⁾.

Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, fir-rigward il-kura tas-saħħa, 14 % tal-persuni LGBTIQ jirrapportaw diskriminazzjoni minn professjonisti tal-kura tas-saħħa. Dan jista' jwassal għal disparitajiet fil-prevenzjoni, fid-dijanjożi u fit-trattament peress li ħafna jevitaw li jfittxu l-kura medika minħabba l-biża' ta' reazzjoni ostili. Biex tindirizza dawn l-inugwaljanzi fis-saħħa, il-Kummissjoni se tkompli tqajjem kuxjenza, tikkondividi l-informazzjoni u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien, inkluż permezz tal-[pjattaforma tal-politika tas-saħħa tal-UE](#), il-[portal tal-aħjar prattiki tas-saħħa pubblika](#) u billi tappoġġa proġetti ta' riċerka dwar aċċess aħjar għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura permezz ta' **Orizzont Ewropa**. Biex

⁽³¹⁾ [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/1877 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-qafas ta' miżuri ta' inklużjoni tal-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021-2027](#) (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 15).

tqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet tal-LGBTIQ+ fost il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni għamlet disponibbli materjal għat-taħriġ mill-[proġett HEALTH4LGBTI](#) għall-Istati Membri.

Fil-kura preventiva, il-Kummissjoni se tkompli tiffoka fuq dawk li qed jiffaċċjaw vulnerabbiltajiet intersezzjonali u inugwaljanzi fis-saħħa. Fil-kontroll tal-kanċer, il-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-persuni LGBTIQ+, se jkomplu jiġu ssodisfati permezz tal-implimentazzjoni tal-[pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer](#), filwaqt li r-[Reġistru tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer](#) se jidentifika x-xejriet u d-disparitajiet fil-prevenzjoni u fil-kura tal-kanċer. Pereżempju, ir-rati tal-kanċer relatati mal-papillomavirus uman (HPV, human papillomavirus) u l-epatite B (HBV, hepatitis B virus) huma partikolarment għoljin fost il-persuni LGBTIQ⁽³²⁾. Il-Kummissjoni se tappoġġa t-tiżi u l-implimentazzjoni ta' **kampanji ta' sensibilizzazzjoni bbażati fuq l-evidenza dwar l-importanza tat-tilqim kontra l-HPV u l-HBV bħala għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-kanċer**. Dawn il-kampanji se jinkludu l-persuni LGBTIQ+ u jqisu l-ispeċifitajiet tal-ġeneru fejn rilevanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa **l-istrategġija tas-settur tas-saħħa globali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organization) dwar l-HIV u koinfezzjonijiet relatati**, l-epatite virali u l-infezzjonijiet trazzmessi sesswalment. Se taħdem ukoll mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-HERA, stabbilit fl-ambitu tal-Awtorità għat-Tejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA, Health Emergency Preparedness and Response Authority), biex tidentifika ostakli sistemiċi għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż il-persuni LGBTIQ+, fl-aċċess għall-vaċċini, għat-terapewtika, u għad-dijanjożtika, bħala parti mill-[istrategġija tal-UE għall-kontromiżuri mediċi](#).

Is-saħħa mentali hija qasam kritiku ieħor fejn il-persuni LGBTIQ+ jiffaċċjaw riskji akbar. Il-persuni LGBTIQ+ b'diżabilità, b'mod partikolari, jinsabu f'riskju akbar ta' vjolenza, fastidju u problemi sussegwenti ta' saħħa mentali: skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, 66 % tal-persuni LGBTIQ b'diżabilità rrapportaw li kkunsidraw li jagħmlu suwiċidju fis-sena ta' qabel l-istħarriġ.

Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka fuq il-persuni kollha f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz tal-[Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali](#), inkluż il-pakkett ta' appoġġ tal-UE dwar l-istigma u d-diskriminazzjoni⁽³³⁾. Se tibni wkoll sinerġiji mal-[istrategġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030](#) u se tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar dan is-suġġett permezz tal-Pjattaforma tad-Diżabilità.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni permezz tal-[programm Ewropa Kreattiva](#) (li għandu jiġi segwit mill-programm propost AgoraEU 2028-2034, li bħalissa jinsab fi proċess leġiżlattiv).

Il-Kummissjoni se tkompli tiċċelebra inizjattivi li jesebixxu r-rwol tal-isport fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità permezz tal-[#BeActive EU Sport Awards](#) u tqajjem kuxjenza matul il-[Ġimgħa Ewropea tal-Isport](#) u permezz tal-Forum Annwali tal-UE dwar l-Isport. Se

⁽³²⁾ Ara Moradi, Ghobad, *et al.* "The prevalence of hepatitis C and hepatitis B in lesbian, gay, bisexual and transgender populations: a systematic review and meta-analysis." *European Journal of Medical Research*, vol. 27, 2022, <https://doi.org/10.1186/s40001-022-00677-0> u Sherry, Alexander D., *et al.* "Overall Survival and Quality-of-Life Superiority in Modern Phase 3 Oncology Trials: A Meta-Epidemiological Analysis." *JAMA Oncology*, vol. 11, no. 7, 2025, p. 718–724, <https://doi.org/10.1001/jamaoncol.2025.1002>

⁽³³⁾ [Saħħa mentali \(europa.eu\)](#).

tippromwovi wkoll skambji ta' prattika tajba bejn l-Istati Membri dwar kif jiġi żgurat aċċess ugwali għall-isport.

Permezz tal-grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC, open method of coordination) "Ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport", maħluq taħt il-[Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2024-2027](#), il-Kummissjoni se ttipprovdi forum għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati biex jikkondividu l-prattiki u jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġi żgurat li l-isport ikun spazju sikur u inklużiv għal kulħadd u kif jiġi miġġieled id-diskors ta' mibegħda fl-isport, inkluż dak li huwa mmirat lejn persuni LGBTIQ+.

Fit-trasport, il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb id-diversità, l-ugwaljanza u l-inklużjoni permezz tan-network [Ambaxxaturi għal #DiversityInTransport](#) u tiżgura li l-politiki jkunu inklużivi.

L-intelliġenza artiċijali (IA) qed tittrasforma b'mod rapidu x-xenarju teknoloġiku u għandha potenzjal enormi biex ittejjeb il-ħajjiet u tirrivoluzzjona l-industrija. Madankollu, dan il-potenzjal iġib ukoll sfidi, speċjalment ir-riskju li jissaħħu l-preġudizzji eżistenti⁽³⁴⁾. Biex jindirizza dan, l-[Att dwar l-IA](#) jipprojbixxi sistemi tal-IA li jikkategorizzaw individwi abbażi tad-data bijometrika tagħhom biex jiddeduċu fuq l-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew li jagħmlu ħsara lill-utenti billi jimmanipulaw, iqarrqu jew jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom.

Barra minn hekk, il-fornituri ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli jridu jikkunsidraw ir-riskji għad-drittijiet fundamentali, inkluż in-nondiskriminazzjoni, qabel ma jimplimentaw is-sistemi tagħhom jew jużawhom. Fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli, il-Kummissjoni se tiffoka fuq id-diskriminazzjoni għal diversi raġunijiet, inkluż l-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess. Biex trawwem tfassil ta' politika infurmat, il-Kummissjoni se ttipprovdi wkoll **pjattaforma ta' diskussjoni dwar id-data dwar l-ugwaljanza u l-IA** għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati oħra.

Il-Kummissjoni qiegħda tippjana wkoll li tippreżenta **pjan direzzjonali għall-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali** bħala parti mill-[Unjoni tal-ħiliet](#). Il-pjan direzzjonali huwa previst li jistabbilixxi qafas ta' litteriżmu fl-IA għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, li jsaħħaħ l-isforzi biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni permezz tal-edukazzjoni dwar il-litteriżmu diġitali, filwaqt li jindirizza l-ħtieġa għas-sikurezza online u l-benesseri diġitali u li jiġu sfidati l-isterjotipi minn età bikrija.

Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, il-leżbjani (42 %) u n-nisa trans (64 %) irrappurtaw l-oġhla rati ta' diskriminazzjoni f'termini ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru rispettivament. In-nisa LGBTIQ+ jistgħu jesperjenzaw diskriminazzjoni kemm bħala nisa kif ukoll bħala persuni LGBTIQ+. Din l-istrateġija l-ġdida dwar l-LGBTIQ+ se tqis din il-perspettiva intersezzjonali. L-azzjonijiet u l-miżuri proposti fl-**istrateġija dwar l-ugwaljanza**

⁽³⁴⁾ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), [Bias in algorithms - Artificial intelligence and discrimination](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

bejn il-ġeneri 2026-2030 li jmiss se japplikaw għan-nisa u għall-bniet fid-diversità kollha tagħhom.

2.2 Awtonomizzazzjoni tal-LGBTIQ+ permezz tal-impjegi u l-inklużjoni soċjali

Id-diversità u l-inklużjoni jixprunaw l-innovazzjoni u **jsaħħu l-kompetittività tal-Ewropa**. Postijiet tax-xogħol inklużivi li jappoġġaw persuni LGBTIQ+ jibbenefikaw minn perspettivi usa', minn kreattività, u minn soluzzjoni tal-problemi. It-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ juri tnaqqis fid-diskriminazzjoni ġenerali fl-impjegi (18 %, tnaqqis ta' 3 punti perċentwali mill-2019), inkluż meta persuna tkun qed tfittex xogħol (9 %, tnaqqis ta' punt perċentwali wieħed). Barra minn hekk, l-evidenza turi li persuni li qed ifittxu x-xogħol japprezzaw il-politiki ta' diversità u ta' inklużjoni meta jkunu qed ifittxu xogħol, u dan jenfasizza l-importanza ta' dawn il-politiki biex jattiraw u jżommu t-talent⁽³⁵⁾.

Id-**Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjegi** naqqxet fid-dritt tal-UE, id-dritt li wieħed jaħdem mingħajr diskriminazzjoni u fastidju abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, fost raġunijiet oħra. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura l-applikazzjoni rigoruża ta' din id-Direttiva u se tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tagħha fl-2026. Abbażi tal-**Istudju dwar sanzjonijiet għal diskriminazzjoni**, il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra li tieħu passi ulterjuri biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw li s-sanzjonijiet adottati skont id-dritt nazzjonali skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjegi jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-kjarifika fid-**Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi** li l-kunċett ta' diskriminazzjoni jinkludi diskriminazzjoni intersezzjonali se jsaħħa id-dritt għal paga ugwali, fejn id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess hija aggravata pereżempju minn diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali.

In-**network Ewropew ta' esperti legali fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni** għandu l-intenzjoni li jippubblika wkoll **rapport akkademiku dwar il-ġurisprudenza tal-QĠUE relatata mad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ**. Dan ir-rapport se janalizza l-iżviluppi f'dan il-qasam matul l-aħħar tliet deċennji.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll lill-Presidenzi tal-Kunsill u lill-Istati Membri bil-mezzi kollha possibbli biex jintlaħaq il-ftehim unanimu meħtieġ dwar il-**proposta għad-Direttiva dwar Trattament Ugwali**. Din il-proposta hija element importanti biex tinkiseb il-prijorità tal-Kummissjoni li tibni Unjoni tal-Ugwaljanza u għandha l-għan li tindirizza lakuna kbira fid-dritt tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni. Hija tespandi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, fost l-oħrajn, lil hinn mill-qasam tal-impjegi għal oqsma bħall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, u l-akkomodazzjoni.

Biex jiġi żgurat li l-**korpi tal-ugwaljanza** jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-infurzar tad-Direttivi tal-UE dwar l-ugwaljanza, il-Kummissjoni se tiżgura t-traspożizzjoni korretta u sħiħa tad-Direttivi **2024/1500** u **2024/1499**. Id-Direttivi għandhom l-għan li jiggarantixxu l-indipendenza, is-setgħat u r-riżorsi tal-korpi tal-ugwaljanza, filwaqt li jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jgħinu lill-vittmi, u jestendu

⁽³⁵⁾ Ara **Business case of diversity and inclusion at work**, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

l-mandat tal-korpi tal-ugwaljanza għad-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali fl-impjeg. Huma jsaħħu wkoll il-protezzjoni għall-vittmi tad-diskriminazzjoni abbażi tar-riassensjament tal-ġeneru tagħhom⁽³⁶⁾, meta tali diskriminazzjoni tkun rikonoxxuta skont id-dritt tal-UE. Fl-2026, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi indikaturi dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza, inkluż fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Bħala “**gwardjan tat-Trattati**”, il-Kummissjoni se timmonitorja l-konformità tal-Istati Membri mad-dritt tal-UE, se tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tipproteġi l-valuri tal-UE u mhux se toqgħod lura milli tiegħu l-azzjonijiet, fejn xieraq, kif għamlet fil-passat. Pereżempju, f'Lulju 2022, il-Kummissjoni ressqet lill-Ungerija quddiem il-QĠUE fuq regoli nazzjonali li jiddiskriminaw kontra persuni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tagħhom⁽³⁷⁾. Il-Kummissjoni qieset li dawn ir-regoli kisru diversi drittijiet tal-UE, inkluż ir-regoli tas-suq uniku, id-drittijiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari tal-persuni LGBTIQ, u l-valuri komuni li huma fil-qalba tal-UE (l-Artikolu 2 tat-TUE). Sittax-il Stat Membru u l-Parlament Ewropew intervjenew fil-proċedimenti b'appoġġ għall-Kummissjoni. L-Avukat Ġenerali ħareġ [opinjoni](#) fil-5 ta' Ġunju 2025. Fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din l-istrateġija, is-sentenza tal-QĠUE għadha pendenti.

Fil-qasam tal-**ġestjoni tad-diversità**, il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fi żmien meta l-progress f'dan il-qasam qed jiffaċċja ġlieda dejjem akbar. L-[evidenza mill-OECD](#) turi li l-kumpaniji li jippromwovu b'mod attiv id-diversità u l-inklużjoni huma aktar probabbli li jattiraw u li jżommu t-talent, irawmu l-innovazzjoni u jiksibu riżultati finanzjarji aktar b'saħħithom.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħa l-isforzi ffokati fuq l-LGBTIQ+ fi ħdan il-[Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità](#). Il-Pjattaforma se taħdem mill-qrib mal-grupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+ biex tiffaċilita d-djalogu u tipprovdi gwida, pereżempju, dwar **prattiki inklużivi ta' reklutaġġ**. Se jitqiesu Prattiki tajbin li hareġu fil-kuntest ta' inizjattivi ta' impjeg inklużiv, bħall-[Pakkett dwar l-Impjegi għall-Persuni b'Diżabbiltà](#), inkluż bil-ħsieb li jitrawmu approċċi intersezzjonali. Il-Kummissjoni tilqa' l-[wegħda](#) li tippromwovi postijiet tax-xogħol aktar inklużivi ppreżentata mill-Karti dwar id-Diversità⁽³⁸⁾ lill-Kummissjoni fid-29 ta' April 2025.

Billi tmexxi bl-eżempju, il-Kummissjoni se ssaħħa l-isforzi interni għad-diversità u l-inklużjoni. Għal dan il-għan, l-**Uffiċċju għad-Diversità u l-Inklużjoni** se jżomm djalogu regolari mal-assoċjazzjonijiet tal-persunal rilevanti u se jqabba lill-impjegati LGBTIQ+ ma' servizzi li jipprovdu konsulenza u assistenza legali. Se jippromwovi wkoll miżuri biex jissimplifika l-proċessi amministrattivi għall-persunal LGBTIQ+ u se jaħdem lejn l-armonizzazzjoni tar-rikonoxximent tal-familji qawsalla fl-istituzzjonijiet kollha. Il-Konsulent

⁽³⁶⁾ Kif definit mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: “riassensjament tal-ġeneru” huwa terminu li jirreferi għas-sett ta' miżuri mediċi li jistgħu, iżda mhux bilfors, jinkludu trattamenti psikoloġiċi, endokrinoloġiċi u kirurġiċi mmirati biex jallinjaw id-dehra fiżika ta' persuna mal-identità tal-ġeneru tagħha. It-terminu ntuża fis-sentenzi fil-Kawża C-423/04, *Richards*, 27.4.2006, EU:C:2006 u l-Kawża C-117/01, *K.B. vs National Health Service Pensions Agency and Secretary of State for Health*, 7.1.2004, EU:C:2004:7.

⁽³⁷⁾ C-769/22 Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, *Valeurs de l'Union*.

⁽³⁸⁾ Hemm 27 Karta dwar id-Diversità, waħda għal kull Stat Membru. Dawn huma organizzazzjonijiet ibbażati fl-Istati Membri tal-UE li jipprovdu appoġġ u jippromwovu l-aħjar Prattika fil-ġestjoni tad-diversità lil eluf ta' kumpaniji multinazzjonali ewlenin, SMEs u organizzazzjonijiet pubbliċi.

Kunfidenzjali Prinċipali se jiġġieled il-fastidju. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkompli tiġbor id-data dwar l-ugwaljanza permezz ta' sħarriġ regolari tal-persunal biex timmonitorja l-progress.

Id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni soċjali jikkontribwixxu għal livelli għoljin ta' faqar u ta' persuni mingħajr dar fost il-persuni LGBTIQ+. Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, 38 % tar-rispondenti rrapportaw li jlaħħqu mal-ħajja "b'diffikultà kbira" (meta mqabbla mat-22 % tal-popolazzjoni ġenerali abbażi tal-[Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja 2023](#)) u 13 % kellhom joqogħdu temporanjament ma' ħbieb u qrafa. Sabiex tifhem aħjar dawn l-isfidi, il-Kummissjoni se tippubblika, sal-bidu tal-2027, **studju dwar l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni** b'approċċ intersezzjonali. Is-sejbiet tiegħu se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-**pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli** u se jippermettu lill-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa biex tippromwovi akkomodazzjoni sikura, aċċessibbli u mhux diskriminatorja, inkluż f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni u s-servizzi essenzjali u sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar, il-Kummissjoni se tniedi l-ewwel **strateġija tal-UE kontra l-faqar** fil-bidu tal-2026, li għandha l-għan li tindirizza n-natura multidimensjonali tal-faqar u l-inugwaljanzi strutturali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippromwovi l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet marġinalizzati permezz ta' strumenti ta' nfiq tal-UE, bħall-**Fond Soċjali Ewropew Plus** fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti u l-[pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali \(NRPP, national and regional partnership plans\)](#) proposti lil hinn mill-2028. Bħala parti mill-**Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar**, il-Kummissjoni se tintensifika wkoll l-isforzi tagħha biex tintegra l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, u se tappoġġa approċċi bbażati fuq l-evidenza, integrati u ċċentrati fuq il-persuna, għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

2.3 Żgurar ta' drittijiet ugwali bejn il-fruntieri

Fl-UE, persuni LGBTIQ+ igawdu minn ugwaljanza fiż-żwieġ u/jew fi sħubijiet ċivili fi 22 Stat Membru. L-iżgurar ta' **rikonossiment ugwali tar-relazzjonijiet familjari madwar l-UE** jsaħħaħ id-drittijiet, is-sigurtà u l-benesseri tal-familji LGBTIQ+, u jippermettilhom igawdu bis-sħiħ il-ħajja familjari tagħhom u li jipparteċipaw b'mod ugwali fis-soċjetà, irrispettivament minn fejn jgħixu. Madankollu, minħabba d-differenzi fil-liġi tal-familja fost l-Istati Membri, ir-rabtiet familjari jistgħu ma jibqgħux jiġu rikonossuti f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Skont it-tielet sħarriġ tal-FRA dwar l-LGBTIQ, 14 % tal-ġenituri LGBTIQ kienu ltaqgħu ma' diffikultajiet biex ikollhom il-paternità tagħhom rikonossuta legalment fi Stat Membru ieħor.

Id-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu, b'mod partikolari d-[Direttiva dwar il-Moviment Liberu](#) flimkien mad-drittijiet fundamentali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jiddefendi d-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom, inkluż il-konjuġi u s-sħab tal-istess sess u t-tfal tagħhom, li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fl-UE. Il-

Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE dwar il-moviment liberu, id-drittijiet fundamentali u s-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)⁽³⁹⁾. Għal dak il-għan, f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat il-[Gwida dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament](#) li tipprevedi l-kjarifiki meħtieġa dwar kwistjonijiet speċifiċi li ġew identifikati meta jiġi applikat l-acquis, inkluż fir-rigward tal-familji qawsalla.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli tqajjem kuxjenza dwar dawn id-drittijiet, inkluż billi **tappoġġa t-taħriġ għall-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja**, b'mod partikolari l-imħallfin u l-prosekuturi, u permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tagħha (pereż. [Your Europe](#)). Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni mhux se toqgħod lura milli tieħu azzjoni ulterjuri kif xieraq biex tiddefendi dawn id-drittijiet.

Filwaqt li l-liġi sostantiva tal-familja taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, l-UE tista' tadotta miżuri li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera. Numru ta' strumenti⁽⁴⁰⁾ diġà jippermettu r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar id-divorzju, ir-responsabbiltajiet tal-ġenituri, il-manteniment, ir-reġimi tal-proprjetà u s-suċċessjoni. Dawn l-istrumenti japplikaw għal kulħadd, irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali jew mill-identità tal-ġeneru tagħhom, u għalhekk japplikaw bis-siġġ għall-persuni LGBTIQ+. Il-Kummissjoni **se timmonitorja u se tinforza**, fejn meħtieġ, kif l-Istati Membri japplikaw dawn l-istrumenti għall-familji qawsalla f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Il-Kummissjoni **se tinvolvi ruħha wkoll f'diskussjonijiet mal-Istati Membri** biex tidentifika kwalunkwe sfida Prattika li jiffaċċjaw il-familji qawsalla f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

Id-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu diġà jirrikjedi li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-paternità ta' wild kif stabbilita fi Stat Membru ieħor, sabiex it-tfal ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-adozzjoni tar-[regolament](#) propost biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntiera permezz tal-**armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri dwar il-liġi internazzjonali privata dwar il-paternità**. Il-proposta tiżgura li l-paternità ta' wild, kif stabbilita fi Stat Membru, tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħrajn kollha għall-finijiet kollha lil hinn minn dak li diġà huwa żgurat skont id-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu. In-negożjati fil-Kunsill dwar din il-proposta, li jeħtieġu adoxxjoni b'unanimità, għadhom għaddejjin.

Ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri adottaw mudelli ta' awtodeterminazzjoni, oħrajn jimponu proċeduri mediċi, li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li jistgħu jiksru d-drittijiet tal-bniedem⁽⁴¹⁾. Il-Kummissjoni se **tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar Prattiki fost l-**

⁽³⁹⁾ Ara s-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, C-673/16, *Coman*, EU:C:2018:385; is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2021, C-490/20 *V.M.A.*, EU:C:2021:1008; l-ordni tal-24 ta' Ġunju 2022, C-2/21, *K.S.*, EU:C:2018:385; is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, il-Kawża C-4/23, *Mirin*, EU:C:2024:845, is-sentenza tat-3 ta' April 2024, il-Kawża C-713/23, *Wojewoda Mazowiecki*, EU:C:2025:235 u l-Kawża C-43/24, *Shipov*.

⁽⁴⁰⁾ Ara, pereżempju, ir-[Regolament 2019/1111](#) dwar kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, ir-[Regolament 4/2009](#) dwar obbligi ta' manteniment, ir-[Regolament 2016/1103](#) dwar reġimi ta' proprjetà matrimonjali, ir-[Regolament 2016/1104](#) dwar il-konsegwenzi patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, u r-[Regolament 650/2012](#) dwar is-suċċessjoni.

⁽⁴¹⁾ *S.V. vs l-Italja*, Applikazzjoni Nru 55216/08, 11 ta' Ottubru 2018. *A.P., Garçon u Nicot vs. Franza*, Applikazzjonijiet Nri 79885/12, 52471/13 u 52596/13, is-6 ta' April 2017.

Istati Membri biex tappoġġa l-iżvilupp ta' proċeduri legali ta' rikonoxximent tal-ġeneru abbażi tal-awtodeterminazzjoni li huma ħielsa minn restrizzjonijiet fuq l-eżi.

Azzjonijiet ewlenin mill-Kummissjoni Ewropea:

- ✓ It-tkomplija tal-appoġġ lill-Presidenzi tal-Kunsill u lill-Istati Membri bil-mezzi kollha possibbli biex jintlaħaq il-ftehim unanimu meħtieġ dwar il-proposta għad-Direttiva dwar Trattament Ugwali.
- ✓ Il-pubblikazzjoni ta' rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi u l-ġoti ta' gwida dwar prattiki ta' reklutaġġ inklużivi, f'kollaborazzjoni mal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità u l-grupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+.
- ✓ Il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni u t-trawwim tal-kondiviżjoni tal-ġarfien dwar l-ugwaljanza fis-saħħa permezz tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u l-Portal tal-Aħjar Prattiki tas-Saħħa Pubblika, filwaqt li tibni wkoll fuq ġarfien minn proġetti ta' riċerka rilevanti ta' Orizzont Ewropa.
- ✓ It-tweġġ ta' studju dwar l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni li għandu jiġi ppubblikat sal-bidu tal-2027 u l-użu tas-sejbiet tiegħu fl-implimentazzjoni tal-pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli.
- ✓ L-istabbiliment ta' pjan direzzjonali għall-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali.
- ✓ It-tkomplija tal-appoġġ lill-Istati Membri fl-adozzjoni tar-regolament propost dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-paternità bejn l-Istati Membri.

3. INVOLVIMENT

F'konformità mal-Artikolu 21 tat-TUE u permezz tal-[Pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija](#), u l-[Linji Gwida għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI](#), l-UE diġà hija mexxejja globali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+. Il-kisba ta' ugwaljanza sħiħa teħtieġ impenn sostnut u involviment attiv fil-livelli kollha. Din l-istrateġija tirrifletti d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tavvanza **t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha** mill-bnedmin kollha fl-UE u madwar id-dinja.

3.1 Tisħiħ tal-involviment fl-UE

L-Istati Membri għandhom rwol vitali fl-avvanz tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fil-prattika. Bis-saħħa tal-inċitament tal-ewwel strateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ, ħafna Stati Membri diġà ħadu passi biex javvanzaw l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni issa tappella lill-Istati Membri kollha biex jadottaw **pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ sal-2027**, f'konformità mal-[linji gwida għal strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni biex tissaħħaħ l-ugwaljanza tal-LGBTIQ](#) u l-[lista ta' kontroll ta' monitoraġġ](#) li takkumpanjahom⁽⁴²⁾. Biex jitħeġġu miżuri nazzjonali dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ u l-implimentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jinnominaw **koordinaturi nazzjonali** dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ jew jibnu fuq strutturi eżistenti għal dan il-għan.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa u timmonitorja dawn l-isforzi permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità u b'mod speċifiku **s-sottogrupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+** tiegħu, li l-mandat tiegħu se jissaħħaħ biex jinkludi rappreżentanti minn pajjiżi kandidati u tittejjeb il-kooperazzjoni mal-Preżidenzi tal-Kunsill. Fil-kuntest tal-grupp ta' esperti, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra se jiġu mistiedna jipprovdu aġġornamenti regolari dwar l-attivitajiet tagħhom u jxerrdu din l-informazzjoni biex iżidu l-viżibbiltà tal-miżuri ta' ugwaljanza tal-LGBTIQ+. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jinvolve ruħhom ukoll f'attivitajiet tematiċi biex jindirizzaw oqsma speċifiċi ta' politika, bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-IA.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħti viżibbiltà, tiċċelebra u tappoġġa lill-awtoritajiet lokali li jippromwovu l-inklużività permezz tal-[Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità](#) u trawwem skambji tal-aħjar prattiki fost ir-rebbieħa, il-firmatarji tal-Karti dwar id-Diversità u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' **gruppi u networks ta' esperti internazzjonali dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+**. Dawn jinkludu l-Kumitat ta' Esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Orientazzjoni Sesswali, Identità tal-Ġeneru, Espressjoni tal-Ġeneru u Karatteristiċi tas-Sess li beda l-mandat tiegħu fl-2024 u n-Network Ewropew ta' Punti Fokali Governattivi tal-LGBTI mmexxi mill-Kunsill tal-Ewropa.

⁽⁴²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea thegheg ukoll lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-kandidati potenzjali biex isegwu l-prattiki tajbin tal-Istati Membri tal-UE f'dan il-qasam.

Demokrazija b'saħħitha tiddependi fuq **spazju ċiviku miftuħ u b'saħħtu**, fejn is-soċjetà ċivili tkun tista' topera liberament u n-nies ikunu jistgħu jesprimu l-identità tagħhom mingħajr biża'. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-LGBTIQ+ qed jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar peress li l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw lill-komunitajiet tagħhom, jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u jissalvagwardjaw il-valuri demokratiċi tinsab taħt pressjoni dejjem akbar.

L-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili li jmiss se tistabbilixxi qafas komuni biex jiggwida l-involviment u l-appoġġ tal-Kummissjoni għas-soċjetà ċivili fl-oqsma kollha ta' politika. Tfitteż ukoll li tkompli l-ħidma mal-Istati Membri dwar il-promozzjoni u ż-żamma ta' spazju ċiviku b'saħħtu madwar l-UE, li jinkludi lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem attivi fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tal-valuri tal-UE, inkluż l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll **"Forum ta' Politika LGBTIQ+"** ġdid ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-LGBTIQ+, is-sħab soċjali u l-akkademiċi biex jiġu indirizzati sfidi emerġenti, jiġi vvalutat il-progress u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din l-istrateġija. Dan se jippermetti djalogu strutturat u miftuħ ma' partijiet ikkonċernati differenti, inkluż diskussjonijiet regolari madwar mejda ma' organizzazzjonijiet umbrella Ewropej tal-LGBTIQ+.

Iż-żgħażaġħ huma alleati ewlenin fil-bini ta' soċjetajiet inklużivi u demokratiċi. Permezz tad-[Dialogu tal-UE maż-Żgħażaġħ](#) u d-djalogi mmirati ta' **politika maż-żgħażaġħ** mal-Kummissarji, il-Kummissjoni tiżgura li l-ilħna taż-żgħażaġħ, b'mod partikolari ta' daww ġejjin minn gruppi f'riskju akbar ta' diskriminazzjoni, inkluż il-persuni LGBTIQ+, jinstemgħu fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Dan il-mekkaniżmu inklużiv se jkompli jiżgura l-ftuħ għaż-żgħażaġħ kollha biex jgħinu fit-tfassil tal-politiki, inkluż daww fil-komunità LGBTIQ+.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-prinċipji tal-ugwaljanza fir-riformi u fl-investimenti nazzjonali permezz ta' strumenti rilevanti tal-infiq tal-UE, bħall-[Istrument ta' Appoġġ Tekniku](#) u l-[Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#).

Il-Kummissjoni tiżgura wkoll li l-fondi tal-UE jiġu implimentati b'mod ekwu. Se tkompli timmonitorja s-sodisfazzjon tal-**"kundizzjoni abilitanti orizzontali"**⁽⁴³⁾ dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali matul l-2021-2027 għall-fondi kollha fl-ambitu tar-[Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni](#). Se tinforza wkoll ir-[Regolament Finanzjarju](#) rivedut, li jelenka espliċitament l-inċitament għad-diskriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza bħala raġunijiet għall-esklużjoni mill-finanzjament tal-UE.

Il-Kummissjoni tirdoppja l-impenn tagħha li tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-LGBTIQ+, l-attiviżmu fil-livell taċ-ċittadini u l-promozzjoni, f'kuntast fejn il-finanzjament għal dawn l-organizzazzjonijiet qed jitnaqqas dejjem aktar⁽⁴⁴⁾. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taħt **il-Qafas Finanzjarju Pluriennali**

⁽⁴³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

⁽⁴⁴⁾ Ara, pereżempju, [Holding the Line: Defending LGBTI movements in the 2025 Funding Crisis - Global Philanthropy Project](#).

(QFP) li jmiss, b'mod partikolari permezz tal-**programm AgoraEU**. Fi ħdan AgoraEU, il-Kummissjoni pproponiet li talloka EUR 3,6 biljun għall-fergħa l-ġdida taċ-**Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri**+, u b'hekk aktar mid-doppju tal-baġit taħt il-programm kurrenti dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri.

Barra minn hekk, skont il-proposta mressqa, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali kollha għandhom jinkludu salvagwardji b'saħħithom biex jiżguraw ir-**rispett tal-Istat tad-Dritt u l-applikazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE** matul l-implimentazzjoni kollha tagħha. Huma jipprevjenu wkoll kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq, fost oħrajn, il-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali matul il-preparatezza, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tagħhom⁽⁴⁵⁾.

Data affidabbli u komparabbli dwar l-ugwaljanza hija kruċjali għat-tfassil u għall-monitoraġġ ta' politiki bbażati fuq l-evidenza bl-użu ta' perspettiva intersezzjonali. Il-mandat tal-**grupp ta' esperti tad-data dwar l-ugwaljanza** taħt il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, u d-diversità se jiġġedded. F'kooperazzjoni mal-FRA, dan se jippromwovi l-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza, inkluża data dwar l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni LGBTIQ+.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-aġenziji rilevanti tal-UE, bħall-FRA, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound, European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, European Institute for Gender Equality), biex tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri dwar id-data dwar l-ugwaljanza, inkluża data mmirata dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali. Barra minn hekk, se tkompli taħdem mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika biex ittejjeb il-ġbir ta' data armonizzata dwar l-ugwaljanza taħt it-**task force tal-istatistika dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tal-Eurostat**. Filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-[ewwel diskussjoni Ewropea madwar mejda ta' Livell Għoli dwar id-data dwar l-ugwaljanza](#) li saret fl-2021, il-Kummissjoni se torganizza t-tieni edizzjoni, li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin biex tippromwovi aktar il-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza.

Il-Kummissjoni se tħejji **Rakkomandazzjoni** biex ittejjeb il-ġbir, l-analiżi u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. B'hekk se ssaħħaħ l-appoġġ għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati oħra, billi tipprovdi għodod biex tgħin fil-monitoraġġ tal-istat tal-ugwaljanza fl-UE u ttejjeb l-integrazzjoni tad-data dwar l-ugwaljanza.

Fl-2027, il-Kummissjoni biħsiebha tippubblika **Ewrobarometru ġdid dwar id-diskriminazzjoni fl-UE**, u se tistieden lill-FRA biex twettaq il-mewġa li jmiss tal-**istħarriġ** komprensiv tagħha **dwar l-LGBTIQ+** li għandu jiġi ppubblikat fl-2029.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tal-LGBTIQ+. Se tniedi **kampanja ta' komunikazzjoni dwar l-Unjoni**

⁽⁴⁵⁾ [COM/2025/565 final](#)

tal-Ugwaljanza biex tinvolvi lin-nies madwar l-UE fil-valuri tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi b'mod attiv l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ billi tappoġġa b'mod xieraq l-laqgħat organizzati mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-Presidenzi tal-Kunsill u billi tipparteċipa fihom u f'**avvenimenti pubbliċi ewlenin li jservu ta' stadji importanti għall-komunità tal-LGBTIQ+**, bħax-xahar tal-pride u l-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija.

Biex l-ugwaljanza LGBTIQ+ issir parti mill-politiki kollha tal-UE, il-Kummissjoni se tintensifika l-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti tagħha kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Dan se jkompli jiġi ffaċilitat mill-**Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza**, il-punt ta' kuntatt dwar l-ugwaljanza fil-kabinetti, il-Grupp Interservizz tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u t-**Task Force** interna tal-Kummissjoni dwar **għall-Ugwaljanza**.

3.2 Żamma tal-involviment dinji biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ+

L-UE tibqa' impenjata li tippromwovi **d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ fuq livell internazzjonali**. Id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ huma protetti mid-dritt internazzjonali eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, iżda minkejja dan, f'ħafna partijiet tad-dinja, il-persuni LGBTIQ+ jiffaċċjaw ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż persekuzzjoni, priġunerija jew saħansitra piena tal-mewt⁽⁴⁶⁾, sempliċement talli huma min huma. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ħajjithom qed jitqiegħdu dejjem aktar f'riskju talli jippromwovu l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+.

Fil-livell multilaterali, l-UE se taħdem biex tibni alleanzi reġjonali u globali biex tavvanza l-ugwaljanza inkluż **fin-Nazzjonijiet Uniti**, **l-OSKE**, u **l-Kunsill tal-Ewropa**. Se tkompli tipparteċipa fil-Grupp Ristrett LGBTI tan-NU, u se tkompli tinvolvi ruħha mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, inkluż l-Espert Indipendenti tan-NU dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru.

L-UE se tibqa' involuta fl-analiżi tal-attivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin immirati lejn il-komunità LGBTIQ+ u se tikkontribwixxi b'mod attiv għall-prevenzjoni u r-rispons għal attacchi bħal dawn f'livelli u f'reġjuni differenti madwar id-dinja.

B'mod bilaterali, l-UE se tintensifika l-isforzi biex tiġġieled forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, inkluż dawk abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. L-UE se żżid ukoll l-azzjoni biex tipprevjeni, tikkundanna u tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni u fastidju kontra persuni LGBTI, vjolenza u mibegħda kkaġunati minn fobija lejn persuni LGBTI. L-UE se tkompli tikkundanna b'mod attiv u tiġġieled liġijiet, politiki u prattiki diskriminatorji, b'enfasi fuq il-promozzjoni tad-**dekriminalizzazzjoni** globali **tar-relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess**.

Id-Delegazzjonijiet tal-UE se jingħataw struzzjonijiet biex ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi u jinvolvu ruħhom f'sensibilizzazzjoni diplomatika fejn jiġu proposti liġijiet restrittivi. L-UE se tkompli wkoll tipproteġi d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ fid-djalogi politiċi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ se tibqa' wkoll fil-fokus fl-involviment tal-UE ma' pajjiżi li jibbenefikaw minn preferenzi kummerċjali skont l-[Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi](#) u l-iskema [Kollox Minbarra Armi](#).

⁽⁴⁶⁾ Skont l-[UNAIDS](#), 67 pajjiż jikkriminalizzaw ir-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess, b'10 jimponu l-piena tal-mewt (2023).

Fil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tagħha, l-UE se tkompli tikkunsidra każijiet ta' diskors ta' mibegħda u lingwaġġ infjammatorju, inkluż meta dawn ikunu mmirati lejn persuni LGBTIQ+, u r-rappreżentazzjoni ta' stereotipi fil-kopertura mill-media. L-UE se teżamina wkoll il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet rilevanti biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' minoranza, inkluż il-persuni LGBTIQ+, fil-proċess elettorali u biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontrihom.

Barra minn hekk, l-UE se tkompli tiżgura li **l-ghajjuna umanitarja** u l-miżuri ta' protezzjoni jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni LGBTIQ+ vulnerabbli, f'konformità mal-prinċipji umanitarji fundamentali, bħall-imparzjalità u n-nondiskriminazzjoni. Il-prevenzzjoni, il-mitigazzjoni u r-rispons għall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti, huma prijorità ewlenija għall-UE bħala donatur umanitarju.

Fir-rigward tal-**pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali**, f'konformità mal-metodoloġija riveduta tat-tkabbir tal-2020, l-UE se tkompli tiddefendi d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inkluż bħala parti min-negożjati tal-adeżjoni u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni relatati. Il-pakkett tat-tkabbir annwali tal-Kummissjoni se jkompli jivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ+ fil-pajjiżi kandidati u f'dawk kandidati potenzjali.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se timmonitorja l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, se toħroġ rakkomandazzjonijiet u miżuri ta' appoġġ biex tiżgura l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ+ u se tindirizza l-vjolenza, il-mibegħda u d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ fid-**diskussjonijiet politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem tagħha mal-pajjiżi tal-vecinat**.

Sabiex tappoġġa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi gwida dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-[Manwal tal-Kodiċi tal-Viża tal-UE](#). Il-manwal ġie rivedut f'Ġunju 2024 bi gwida u b'eżempji aġġornati, inkluż għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTIQ+. Id-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja se jkomplu jimplimentaw ukoll il-[linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem](#). Jingħata wkoll appoġġ speċifiku permezz tal-[Mekkaniżmu tal-UE għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem](#) permezz ta' għotjiet ta' emerġenza, assistenza għar-rilokazzjoni, bini tal-kapaċità, u taħriġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju.

Fl-aħħar nett, biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, il-Kummissjoni se tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, flimkien ma' analiżi tal-ġeneru u l-inugwaljanza, għall-azzjonijiet kollha ffinanzjati permezz ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE, bħall-**Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA, Instrument for Pre-Accession Assistance)** u l-**Istrument ta' Vecinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)**, inkluż skont il-programmi tematiċi tal-NDICI dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u s-soċjetà ċivili. Dawn il-programmi se jkomplu jipprovdu wkoll appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTIQ+ u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn għandhom jiġu segwiti mill-[Istrument tal-Ewropa](#)

Globali propost, li bħalissa jinsab fil-proċess leġiżlattiv, għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Azzjonijiet ewlenin mill-Kummissjoni Ewropea:

- ✓ L-għoti ta' finanzjament permezz ta' strumenti ta' nfiq rilevanti tal-UE biex tappoġġa proġetti u organizzazzjonijiet li jiddefendu d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni.
- ✓ Il-ħolqien ta' "Forum ta' Politika LGBTIQ+" għdid mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTIQ+, is-sħab soċjali u l-akkademiċi fl-2026.
- ✓ It-tnedija, fil-bidu tal-2027, ta' kampanja ta' komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ugwaljanza biex tinvolvi lin-nies minn madwar l-UE fl-ugwaljanza u fin-nondiskriminazzjoni.
- ✓ It-tħejjija ta' Rakkomandazzjoni dwar id-data dwar l-ugwaljanza, ikkumplementata bil-pubblikazzjoni ta' edizzjoni għdida tal-Ewrobarometru dwar id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2027.
- ✓ L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex tippromwovi u tipproteġi t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni LGBTIQ+ kollha madwar id-dinja, kemm fil-livell multilaterali kif ukoll fil-livell bilaterali, inkluż billi tippromwovi d-dekriminalizzazzjoni globali tar-relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess.
- ✓ L-appoġġ għall-allinjament tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

KONKLUŻJONI

Din l-istrateġija tafferma mill-għdid il-viżjoni ta' Unjoni Ewropea fejn il-**persuni LGBTIQ+ huma liberi li jkunu huma nfushom u li jħobbu lil min iridu**. L-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu progress sinifikanti fl-avvanz ta' **Unjoni tal-Ugwaljanza**. Madankollu, għad fadal ħafna x'jista' jinkiseb għal soċjetà tassew ugwali għal kulħadd, ħielsa mid-diskriminazzjoni u l-mibegħda.

Filwaqt li tibni fuq l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, din l-istrateġija mġedda **tkompli bl-isforzi tal-UE biex tippromwovi l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+** u żżomm enfasi fuq oqsma ta' prijetà, kif ukoll fuq l-integrazzjoni tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fil-politiki kollha, b'approċċ intersezzjonali. Il-kisba tal-ugwaljanza mhux biss hija vitali għal demokrazija reżiljenti u soċjetà koeżiva iżda hija wkoll hija **essenzjali għat-trawwim ta' ekonomiji li jirnexxu u kompetittivi** madwar l-Ewropa.

Iż-żamma tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fl-UE hija **responsabbiltà kondiviża**, li tirrikjedi sforzi konġunti f'kull livell. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza, is-sħab soċjali, in-negozji u l-individwi jridu jkomplu u jsaħħu l-involvement tagħhom biex jilhqqu l-oġettivi ta' din l-istrateġija mġedda. L-**alleati**, in-nies li mhux neċessarjament jidentifikaw bħala LGBTIQ+ huma nfushom iżda li b'mod attiv jiddefendu l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+, għandhom rwol kritiku billi jippromwovu, jitkellmu u jappoġġaw b'mod attiv l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u jgħinu biex il-valuri kondiviżi jinbidlu f'realtajiet tanġibbli.

Il-Kummissjoni tistieden lill-**Parlament Ewropew** u lill-**Kunsill** biex iġeddu l-impenn tagħhom u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Komitat tar-Reġjuni u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex ilaqgħu flimkien lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lis-sħab soċjali u lis-soċjetà ċivili biex jiddiskutu kif għandha tiġi avvanzata l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għal kulħadd.

Il-Kummissjoni se timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tal-miżuri ppreżentati f'din l-istrateġija u se tippreżenta **rieżami ta' nofs it-terminu** fl-2028.